# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 322/2015/VG**

**Stuart CRAIG**

**Vs**

**Accent Business Solutions Limited [C-2834]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-23 ta' April, 2015** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallasu s-somma ta' elfejn mitejn sebgha u sebghin euro u erbghin centezmi ta' euro [€2277.40c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' elfejn mitejn sebgha u sebghin punt erbgha zero Ewro (€2,277.40) rappresentanti prezz ta' drittijiet professjonali ghal servizzi ta' "accounting", "audit" u preparazzjoni ta' "Annual Returns" u "VAT Returns" li baqa ma thallasx sa llum u dan skond kif spjegat fid-dettal fl-istatement hawn anness bhala Dok "A".

> Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu dovut minnha anke ufficjalment hi baqat inadempjenti;
>
> Ghaldaqstant qieghda ssir din il-kawza sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta' elfejn mitejn sebgha u sebghin punt erbgha zero Ewro (€2,277.40) rappresentanti prezz ta' drittijiet professjonali ghal servizzi ta' "accounting", "audit" u preparazzjoni ta' "Annual returns" u "VAT Returns" li baqa ma thallasx sa llum u dan skond kif spjegat fid-dettal fl-istatement hawn anness u mmarkat Dok. A;
>
> Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-30 ta' Marzu, 2015 u bl-imghax legali mid-data tal-invoices relattivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li d-Diretturi taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom"

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata skond il-ligi fl-1 ta' Gunju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2015 l-Avukat Dottor Rachel Bonello pprezentat nota li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut skont id-dati tal-fatturi.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2015 xehed ir-rikorrenti li kkonferma li l-ammont minnu reklamat b'dawn il-proceduri thallsu lilu permezz ta' cekk datat 16 ta' Gunju, 2015 (fol. 32).

Ra li Dott. Rachel Bonello ddikjarat li r-rikorrenti ma kellhux provi aktar xi jressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti talab il-hlas minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elfejn mitejn sebgha u sebghin euro u erbghin centezmi ta' euro [€2277.40c], rappresentanti prezz ta' drittijiet professjonali ghal servizzi ta' "accounting", "audit" u preparazzjoni ta' "Annual Returns" u "VAT Returns" .

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed li s-somma minnu reklamata b'dawn il-proceduri thallset fil-mori tat-Talba permezz ta' cekk datat 16 ta' Gunju, 2015 (dok. RB 1 a fol. 32).

3. In vista ta' dan, fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015 d-difensur tar-rikorrenti pprezentat nota li permezz taghha cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut skont id-dati tal-fatturi.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi s-socjeta intimata baqghet ma resqet l-ebda provi minkejja li kellha kull opportunita li taghmel dan.

5. Il-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

6. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

7. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

8. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet debitament notifikata fl-1 ta' Gunju, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

9. It-Talba odjerna tresqet fit-23 ta' April, 2015 u kien biss fis-16 ta' Gunju, 2015 li thallas is-sorte mis-socjeta intimata lir-rikorrenti.

10. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti ghall-ispejjez u l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut skont id-dati tal-fatturi hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li ntqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

11. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ispejjez tat-Talba u l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut skont id-dati tal-fatturi huma dovuti mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-Talba ghar-rigward tas-sorte, in vista tan-nota mressqa mir-rikorrenti fl-24 ta' Gunju, 2015, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti ghar-rigward ta' l-ispejjez u ta' l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut skont id-dati tal-fatturi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut mid-dati tal-fatturi sas-16 ta' Gunju, 2015, id-data meta thallas s-sorte dovut.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu, 2015, huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**